MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 691/1989/1

**Raymond Buttigieg**

**Vs**

**Anthony Axisa**

**Il-Qorti.**

Rat il-verbal a fol. 292 fejn Dr. Libreri ghall-konvenut talab li jgib il-provi tieghu dwar il-kontro-talba.

Rat l-opposizzjoni ta’ Dr. S. Meilaq ghall-attur;

**Tikkunsidra**

Illi fil-kaz in ezami, li beda fil-1989, wara li nghalqu l-provi, u wara li saret perizja u perizja addizzjonali, l-konvenut issa talab li jgib il-provi tieghu fuq il-kontrotalba.

Jibda biex jigi rilevat li meta gie nominat il-perit Michael Angelo Refalo (ara fol. 30) dan kien gie nominat biex jirrelata dwar it-talbiet ta' l-attur u konsidrati l-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Il-konvenut fl-eccezzjonijiet tieghu (ara fol. 14 fid-dikjarazzjoni tal-konvenut) hemm imsemmi li l-attur ma kienx hallas il-bilanc tal-prezz, u a bazi ta' dina l-eccezzjoni pprezenta kontrotalba fl-istess sens.

Illi l-perit sema lill konvenut jixhed (ara fol. 157) u a fol. 186 il-konvenut iddikjara li m'ghandux aktar provi.

Il-perit M. A .Refalo kien irrelata fuq kollox u a fol. 127 para 123 qal li "Dwar it-talba rikonvenzjonali tal-konvenut, din ma fiha xejn li huwa ta' aspett tekniku u ghalhekk l-esponent illimita ruhu biss ghal li jissottometti dak kollu li rrizultalu mill-provi dwarha, u dana peress li ma hux kompetenti biex jirrelata dwarha".

Illi skond l-artikolu 679 tal-Kap 12 "Meta tigi moghtija lill-periti l-fakulta' li jircievu dokumenti jew li jisimghu xhieda, ma jistghux jingiebu quddiem il-qorti dokumenti godda jew xhieda dwar l-oggett tal-perizja, hlief fil-kazijiet imsemmija fl-paragrafi (a.b.c.d.e.) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 150 u fil-paragrafi (a.b.d.) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 208.

Fil-kaz in ezami ma jirrikorrux l-elementi imsemmija fil-paragrafi citati.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tichad it-talba tal-konvenut biex jgib provi dwar il-kontro-talba.
bl-ispejjez kontra tieghu

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------